

**Dispożittiv**

- (1) Il-Kawżi T-310/09 u T-383/09 huma magħquda għall-finijiet ta' din is-sentenza.
- (2) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- (3) Fuller Thaler Asset Management, Inc. hija kkundannata, fil-Kawżi T-310/09 u T-383/09, sabiex tbatli l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

(<sup>1</sup>) ĠU C 244, 10.10.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' April 2011 — Bodegas y Viñedos Puerta de Labastida vs UASI — Unión de Cosecheros de Labastida (PUERTA DE LABASTIDA)**

(Kawża T-345/09) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali PUERTA DE LABASTIDA — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti CASTILLO DE LABASTIDA — Trade marks Komunitarji verbali preċedenti CASTILLO LABASTIDA — Raġuni relattiva għal riffut — Użu ġenwin tat-trade mark preċedenti — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Riskju ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009”)*

(2011/C 160/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Bodegas y Viñedos Puerta de Labastida, SL (Autol, Spanja) (rappreżentanti: J. Grimau Muñoz u J. Villamor Muguera, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Unión de Cosecheros de Labastida, S. Coop. Ltda (Labastida, Spanja) (rappreżentanti: inizjalment minn P. López Ronda, G. Macías Bonilla, sussegwentement minn F. Brandolini Kujman, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Mejju 2009 (Każ R 1021/2008-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Unión de Cosecheros de Labastida, S. Coop. Ltda u Bodegas y Viñedos Puerta de Labastida, SL.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Bodegas y Viñedos Puerta de Labastida, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 256, 24.10.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' April 2011 — Sociedad Agricola Requiringua vs UASI — Consejo Regulador de la Denominación de Origen Toro (TORO DE PIEDRA)**

(Kawża T-358/09) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali TORO DE PIEDRA — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti D. ORIGEN TORO — Raġuni relattiva għal riffut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Dritt għal smigħ — Obbligju ta' motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009”)*

(2011/C 160/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Sociedad Agricola Requiringua Ltda (Santjago, iċ-Ċili) (rappreżentanti: E. Vorbuchner, C. Ley u M. Heidelberg, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: J. Crespo Carrillo u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Consejo Regulador de la Denominación de Origen Toro (Toro, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-18 ta' Ġunju 2006 (Każ R 1117/2008-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn il-Consejo Regulador de la Denominación de Origen Toro u s-Sociedad Agricola Requiringua Ltda.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Is-Sociedad Agricola Requiringua Ltda hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 267, 07.11.2009.